- ***TALBA GHALL LIBERTA' PROVIZZORJA-***
- ***ARTIKOLU 509 KAP 9 -***

# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI.

## IMHALLFIN.

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**ONOR. DAVID SCICLUNA. LL.D.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF. LL.D.**

**Digriet ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Lulju, 2002**

**Att ta' Akkuza Numru: 10/94.**
**Rikors ghall Liberta' Provissorja datat 17 ta' Mejju 2002 fl-istess Att ta' Akkuza Numru 10/94 fl-ismijiet:-**

**Ir-Repubbblika ta' Malta.**

**vs**

**Eleno sive Lino Bezzina.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Eleno sive Lino Bezzina li l-permezz tieghu talab li din il-Qorti takkordalhu l-liberta' provizorja, pendenti s-smigh ta' l-appell quddiemha, u dan stante li l-istess rikorrenti qed isostni li huwa kien dejjem obda l-kondizzjonijiet kollha imposti fuqu u m'hemm l-ebda biza' li jonqos milli jidher quddiem din il-Qorti stante li huwa cittadin Malti u ghandu familja tghix hawn Malta, barra li huwa bniedem affidabbli stante li dejjem obda l-ordnijiet tal-Qrati, u dan apparti li fid-difiza u fl-appell tieghu huwa dejjem sostna li huwa agixxa biss b'difiza legittima u bhala tali m'hemm ebda biza li huwa jikkometti reat iehor, bhal dak li gie misjub hati, u ghaliex id-dewmien tas-smigh ta' l-appell tieghu tista' biss tippregudika lir-rikorreni irremedjabilment.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 21 ta' Mejju 2002, li biha oppona t-talba ta' Eleno sive Lino Bezzina fejn oppona ghat-talba tar-rikorrenti u sostna li llum il-hati ghadda l-guri tieghu u qed jiskonta l-piena.

Illi semghet it-trattazzjoni tal-avukati rispettivi tal-partijiet f'dan ir-rikors odjern fis-27 ta' Gunju 2002.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jidher li r-rikorrenti fit-talba tieghu ghall helsien mill-arrest pendenti l-appell tieghu mis-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 17ta' Ottubru 2001, wara li l-istess rikorrenti kien instab hati ta'

omicidju volontarju ta' John sive Ganni Mamo b'sitt (6) voti kontra tlieta u konsegwentement ghal-istess abbazi tal-**artikoli 211 u 533** l-istess Qorti Kriminali (N.A.) kkundannat lill-istess rikorrenti odjern ghall sittax (16) il-sena prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li l-istess appenlanti kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma-istess kaz medessimu, qed jibbaza ruhhu solament fuq il-premessi li huwa dejjem obda l-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Qorti u li ma hemm ebda perikolu li ma jidhirx il-Qorti, apparti li d-difiza tieghu ghall-istess akkuzi, u ghalhekk anke l-appell odjern tieghu li huwa intavola kontra l-istess sentenza fuq citata, huma bbazati fuq id-difiza li huwa agixxa biss b'difiza legittima.

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u partikolarment tal-fatt li l-appellant anke jekk ghandu appell pendenti gie misjub hati ta' omicidju volontarju u gie kkundannat ghall sittax (16) il-sena prigunerija, u tenut kont tal-fatt li l-Avukat Generali qed jopponi ghat-talba odjerna tar-rikorrenti maghmula skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 509 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** u wara li mill-premessi tal-istess rikors u mit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti, ma rrizulta bl-ebda mod li l-istess rikorrenti qed jirreferi jew qed jibbaza din it-talba tieghu fuq xi cirkostanzi partikolari jew specjali li jistghu b'xi mod jaffetwaw l-ezitu tat-talba tieghu, u tenut kont tal-pronunzjamenti ta' din il-Qorti fuq talbiet simili skond l-istess disposizzjoni tal-ligi fuq citata, din il-Qorti ma thossx li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha, u

dan ghaliex ma gie bl-ebda mod allegat, pretiz u wisq inqas ippruvat li hemm xi cirkostanzi partikolari jew specjali ghar-rikorrenti li jistghu jikkonvincu lill din il-Qorti li f'dan l-istadju *"tiddisturba l-istatus quo u takkorda lill-appellant l-liberta' provvizorja rikjesta minnhu".*

Illi fil-fatt hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghall Digrieti fejn din il-Qorti diversament presjeduta ghall-talbiet simili ghal dik odjerna dejjem irreferiet ghall-fatt li f'talbiet simili fejn il-kaz ikun gie deciz mill-Qorti Kriminali u fejn allura l-ligi tipprevedi l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza anki pendenti l-appell, irid ikun hemm u jigu ppruvati mir-rikorrenti fatturi specjali jew determinanti u partikolari sabiex tintlaqa' t-talba ghas-*'sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza'* skond id-disposizzjoni tal-imsemmi **artikolu 509 tal-Kap 9** fuq citat u dan konfermament ma dak li gie deciz fid-Digrieti **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Farrugia"** (A.K. (J.S.P) 28 ta' Jannar 1998); **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Emmanuel Cardona"** (A.K. (J.S.P.) 12 ta' Frar 1998); **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Gregorio sive Godwin Scicluna"** (A.K. (J.S.P.) 28 ta' Jannar 1998); u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Vella"** (A.K. (N.A.) 13 ta' Marzu 2002).

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti r-rikorrenti f'dan il-kaz naqas li jirreferi, jaccenna u/jew jissottometti ghall konsiderazzjoni ta' din il-Qorti xi cirkostanza partikolari ghall kaz tieghu li setghu

iwasslu sabiex tali talba tieghu tigi b'xi mod milquha, u dan il-punt gie sollevat bi skjetteza mill-Avukat Generali, tramite Dr. Anthony Barbara fit-trattazzjoni tieghu tas-27 ta' Gunju 2002, u f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti *"tara li huwa evidenti li dan il-kaz ma jipprospettax dawk ic-cirkostanzi li fihom hija tista' thossha serena li takkorda t-talba tal-appellant, specjalment tenut kont li l-liberta' provvizorja f'dan l-itadju tinghata minn din il-Qorti f'cirkustanzi specjallissimi u certament rari"* (**"Ir-Repubbblika vs Emanuel Cardona"** *ibid.*)

Illi fir-rigward tas-sottomissjoni li d-dewmien ta' l-appell tista' allegatament tippregudika lir-rikorrenti irremedjabilment, din il-Qorti apparti li tafferma li l-fattispecie in ezami mhumiex tali li jiggustifikaw li tigi akkordata l-liberta' provvizorja lill-appellant, izzid li huwa anticipat li l-appell interpost ma jdumx ma jinstema u jigi deciz, fil-waqt li dejjem tirriserva li tikkonsidra mill-gdid il-posizzjoni jekk jirrizulta li l-appell fil-meritu ikun ser jiehu zmien twil li jigi trattat u deciz.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-opposizzjoni tal-Avukat Generali fir-risposta

tieghu tal-21 ta' Mejju 2002, **tichad it-talba tar-rikorrenti Eleno sive Eleno Bezzina fir-rikors tieghu tas-17 ta' Mejju 2002.**

**Decretat.**

**(ft.) Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**29 ta' Lulju, 2002.**

**(ft.) Onor. Imhallef David Scicluna.**
**29 ta' Lulju, 2002.**

**(ft) Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.**
**29 ta' Lulju, 2002.**

**Joseph Sammut.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Lulju, 2002.**

**Vera Kopja**

*29 ta' Lulju 2002 (RCP/DS/JRM).*